MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Numru 380/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs**

**- OMISSIS -**
**PATRICK SAMMUT**
**- OMISSIS -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom - omissis -

U

Patrick Sammut, ta’ 37 sena, iben George u Maria imwielda Cauchi, imwieled Pieta' fis-17 ta’ Frar, 1972, u joqghod 59, Triq San Pietru, Qormi u detentur tal-karta ta’ l-identita numru 126972(M)

U

- omissis -

Huma gew akkuzati talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Gunju 2004 u fix-xhur precedenti, fil-Marsa u/jew f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, u matul ix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita' estera;
2) Zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;
3) Bhala sidien tal-post maghruf bhala New Tiger Bar u post numru 3 u 4, Xatt il-Mollijiet, Marsa, hallew jew ippermetew li dak l-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti tieghu jigi wzat bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali
4) Bhala sidien jew bhala persuni li ghandhom jew kellhom taht idejhom l-amministrazzjoni tal-post, New Tiger Bar u post numru 3 u 4, Xatt il-Mollijiet, Marsa, xjentement taw b'kiri jew ippermettew l-uzu ta' l-imsemmi post ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Patrick Sammut wahdu - akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 29 ta' Marzu 2004, liema sentenza saret definittivi u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez lli ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Gererali esebit bhala Dok LC 7 u nnutat li l-imputat Patrick Sammut m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Patrick Sammut iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Patrick Sammut bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu illi fil-passat l-imputat Patrick Sammut kellu problema serja ta' abbuz mid-droga li issa hareg minnha u sabiex l-imputat ma jergax jaqa' f'dan il-vizzju umilment issuggerew li l-Qorti tpoggi lill-imputat Patrick Sammut taht Ordni ta' Probation.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 7(1), 8, 9 u 10 tal-Kap. 63 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Patrick Sammut, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini

tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Patrick Sammut taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u sabiex l-imputat ikun assistit ma jergax jaqa’ f’dan il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Patrick Sammut sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' tmien mija u sitta Ewro u disgha u erbghin centezmi ta' Ewro (Ewro 806.49) rappresentanti terz tal-ispejjez inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RB1.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Patrick Sammut.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Patrick Sammut kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Patrick Sammut l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------